C/2023/1359

1.12.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11316 – FOXCONN EV / ZF / ZF CHASSIS MODULES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1359)

1. Fit-23 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Foxconn EV Singapore Holdings Pte. Ltd ("Foxconn EV", Singapore), ikkontrollata minn Hon Hai Precision Industry Co., Ltd ("Hon Hai", it-Tajwan),

— ZF Friedrichshafen AG ("ZF", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Zeppelin-Stiftung ("ZS", il-Ġermanja), li hija fondazzjoni amministrata mill-Belt ta' Friedrichshafen, il-Ġermanja, bħala fond muniċipali speċjali,

— ZF Chassis Modules GmbH ("ZF Chassis Modules" jew il-"JV", il-Ġermanja).

Foxconn EV u ZF se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-impriża bi sħab (joint vernture, JV).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Foxconn EV għadha kif ġiet stabbilita u ma għandha l-ebda attività li tiffaċċja s-suq. Hon Hai hija fornitur ta' servizzi ta' manifattura tal-elettronika madwar id-dinja fis-segmenti tal-prodott li ġejjin: l-elettronika intelliġenti tal-konsumatur, il-cloud u n-networking, l-informatika; u komponenti elettroniċi u oħrajn,

— ZF hija kumpanija tat-teknoloġija li tiżviluppa, timmanifattura u tiddistribwixxi prodotti u sistemi għal karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali u teknoloġija industrijali madwar id-dinja.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV huma li ġejjin:

Il-JV se timmonta s-sistemi tal-fusien, inklużi moduli tal-kantunieri, għall-karozzi tal-passiġġieri għall-OEMs.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11316 – FOXCONN EV / ZF / ZF CHASSIS MODULES

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË